MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2013

Numru. 349/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Cassar**

**vs**

**Brian John Relton**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Brian John Relton ta’ 47 sena iben Vincent u Ludgarda nee’ Mifsud, imwieled tal-Pieta’ nhar l-4 ta’ Lulju, 1963 u residenti ‘Tal-Kappara’, Blk 2, Penthouse 2, Triq is-Sajjieda, Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita’ numru 364563(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’Marsaskala nhar is-27 ta’ April, 2006 minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ l-ex mara tieghu Sandra Relton minn Marsaskala f’periklu car, hebb ghaliha u kkagunalha hsara fil-gisem jew fis-sahha taghha, u cioe’ offiza gravi li gabet sfregju gravi u permanenti fil-wicc u dan skond ma ccertifika Dr. Michael Farrugia MD.,

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-11 ta’ April 2012 (inserita a fol. 134 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

(a) Fl-artikoli 216 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tal-11 ta’ Jannar 2013, l-imputat ddikjara li huwa m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Il-fatti li taw lok ghall-kaz odjern jirrigwardaw incident li sehh fis-27 t’April, 2006 f’Marsaskala bejn zewg konjugi, l-imputat u martu Sandra Relton fejn qed jigi allegat minn din tal-ahhar li gew kagunati lilha griehi ta’ natura gravi minn zewgha l-imputat. Irid mill-ewwel jigi precizat li ghalkemm gie allegat li l-incident sehh f’April, 2006, l-imputat gie nterrogat fir-rigward fl-24 ta’ Frar, 2011 u cioe’ kwazi hames snin wara li sehh l-akkadut u dan ghalkemm kien sar rapport fid-data tal-allegat incident (vide rapport a fol 23 sa 26 tal-atti processwali).

L-allegata vittma Sandra Relton xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-15 t'April, 2011 fejn qalet li fid-data in dizamina kmieni filghodu kienet rieqda fil-kamra tat-tifel fir-residenza matrimonjali u l-imputat, li dak iz-zmien ma kienx jorqod id-dar, qajjimha bil-herra, qabadha minn ghonqha, beda' jaghfasha mal-imhadda u jdahhal subghajh fil-warda ta' wiccha u jghidilha li jekk kienet ser tiehu aktar affarjiet kien se igibilha wiccha aghar milli kien qabel u mbaghad telaq. Ix-xhud qalet li dakinhar stess filghaxija hija bdiet tippakkja sabiex titlaq mid-dar matrimonjali u ghall-habta tas-6:00pm rega' mar ir-ragel id-dar, dahal fil-kcina u beda' jdur warajha u jimbuttaha, jaghtiha d-daqqiet u jistaqsiha ghal zewg figorini u meta hija qaltlu li dawn kienu diga ppakjati izda kienet ser tfittixihom u taghtihomlu hija bdiet tibza' u qabdet il-handbag sabiex titlaq izda l-imputat gie warajha, qabdilha l-iskutella ta' rasha b'idu u sabbatilha mal-bieb ta' barra. Sandra Relton tghid li harget barra u sabet mara u qaltilha sabiex iccempel lil missierha minn fuq il-mobile taghha ghaliex ma bdietx tara u meta dan gie ghaliha hadha l-Isptar fejn imbaghad qalulha sabiex taghmel rapport lil Pulizija. Sandra Relton esebiet xi ritratti tal-griehi li kellha li qalet li hadet hija stess dak il-hin bil-camera minn taghha. Hija qalet li madwar sitt xhur wara l-incident marret ghand Dr. Michael Farrugia peress li kienet ghadha ddejjaqha ghajnejha u huwa rrilaxxja certifikat[1] fejn qal li kellha griehi gravi per durata. In kontro-ezami hija kkonfermat li meta marret l-Isptar immedjatament wara l-incident fejn anki ttiehdulha x-rays gie certifikat li kellha griehi ta' natura hafifa. Meta mistoqsija jekk hija kinitx qalet lil Pulizija sabiex jibdew il-proceduri kontra zewgha daqshekk zmien wara li sehh l-allegat incident minhabba li wliedha kienu ddecidew li jmorru jghixu ma missierhom hija qalet li ma kienx minnu.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-1 ta' Frar, 2013 fejn qal li dakinhar tal-incident in dizamina hu u martu bdew jargumentaw verbalment fejn hija kienet agitata mmens u bdiet ixxejjer bil-handbag li kellha f'idejha u meta beda jghidilha sabiex tikkalma ma

[1] Inserit a fol. 36 tal-process.

tatx kasu u meta harget tigri sema' hoss u malli hareg barra ma rahiex aktar. L-imputat cahad li huwa b'xi mod kien ikkawza griehi fuq martu. Fl-istqarrija minnu rilaxxjata hames snin wara li sehh l-allegat incident, l-imputat kien qal li ma jiftakar xejn dwar xi incident li kellhom hu u martu izda qal ukoll li ma kienx ikkawza griehi lil Sandra Relton.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-provi prodotti f'dan il-kaz, jirrizulta car li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti kunfliggenti fejn min-naha l-wahda Sandra Relton issostni li zewgha kien hebb ghaliha u kkagunalha griehi ta' natura gravi u fejn min-naha l-ohra l-imputat ghalkemm ma jichadx li kellu argument ma' martu fil-gurnata in dizamina, jghid li huwa ma kienx messha u jsostni li hija kienet agitata hafna u li kien sema' hoss waqt li hija kienet hierga u jahseb li kienet habtet rasha mal-bieb. Ghalkemm mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghall-liberatorja, fil-kaz odjern hemm diversi fatturi li geghlu l-Qorti tiddubita mill-verzjoni tal-fatti moghtija minn Sandra Relton. L-ewwel u qabel kollox jinghad li meta xehed Francis Buhagiar [2] u cioe' missier Sandra Relton, dan qal li fis-27 t'April, 2006 meta ha lil bintu l-Policlinic, din qaltlu li kellha accident. Il-Qorti, inoltre setghat tinnota li fic-certifikat mediku rilaxxjat a tempo vergine u wara li saru anke xi x-rays, il-griehi li kellha Sandra Relton gew klassifikati bhala ta' natura hafifa. Il-Qorti taraha daqsxejn stramba kif imbaghad sitt xhur wara li sehh l-allegat incident Sandra Relton ghazlet li tmur ghand tabib li ma kinitx tmur ghandu qabel u dan iccertifika l-griehi li ndikatlu hi bhala ta' natura gravi per durata billi bbaza ruhu fuq is-sintomi li qaltlu li kienet qed thoss il-pazjenta. Din il-Qorti, inoltre taraha kemm xejn stramba kif l-imputat gie nterrogat dwar l-incident fl-2011, hames snin wara l-allegat incident, u fuq insistenza tal-parti leza. Dan jindika li huwa probabbli dak li qed isostni l-imputat u cioe' li Sandra Relton ghazlet li tissolleva din il-kwistjoni wara li uliedhom ghazlu li jmorru jghixu mieghu. Il-Qorti jidhrilha li l-imputat irnexxhielu jipprova sal-grad

[2] Traskrizzjoni tax-xhieda a fol. 119 et sequitur.

tal-probabbli li l-griehi li qed tghid li kellha Sandra Relton fid-27 t' April, 2006 setghu gew kagunati accidentalment waqt li hija kienet hierga tigri mid-dar taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------